

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-29 ta' April 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Rejonowy w Ostrowie Wielkopolskim – il-Polonja) – Powiat Ostrowski vs Ubezpieczeniowy Fundusz Gwarancyjny

(Kawża C-383/19) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur – Direttiva 2009/103/KE – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 – Obbligu li jiġi konkluż kuntratt ta' assigurazzjoni – Portata – Awtorità lokali li tkun xtrat vettura b'mod ġudizzjarju – Vettura rreġistrata, li tinsab f'art privata u intiża li tinqed) (2021/C 263/03)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy w Ostrowie Wielkopolskim

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Powiat Ostrowski

Konvenut: Ubezpieczeniowy Fundusz Gwarancyjny

Dispożittiv

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vettura bil-mutur hija obbligatorja meta l-vettura kkonċernata tkun irregjistrata fi Stat Membru, meta din il-vettura ma tkunx qiegħi irtirata regolarmen mill-użu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbi.

⁽¹⁾ ĠU C 280, 19.8.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tieni Awla) tad-29 ta' April 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus – il-Finlandja) – Kawża mressqa minn E

(Kawża C-480/19) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Taxxa fuq id-dħul – Dħul mill-kapital – Dħul imqassam minn impriżza għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) residenti, taħt forma kuntrattwali – Dħul imqassam minn UCITS stabbilita fi Stat Membru ieħor u li għandha l-forma statutorja – Differenza fit-trattament – Artikolu 65 TFUE – Sitwazzjonijiet oġġettivament paragħunabbli)

(2021/C 263/04)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: E

fil-preżenza ta': Veronsaajjen oikeudenvolvontayksikkö